MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 805/2009

**L-Avukat Dr. Paul Micallef Grimaud bhala mandatarju specjali f'isem u ghan-nom tas-socjeta' estera Fiona Trust & Holding Corporation u tas-socjeta' estera Capco Nominees Limited**

**-vs-**

**(1) Keith Micallef gja stralcjarju tas-socjeta' Maltija Kurilsk Shipping Company Limited (C-12189); u**
**(2) Ir-Registratur tas-Socjetajiet**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors ta' l-Avukat Dr. Paul Micallef Grimaud fil-kwalilta' premessa presentat fl-14 ta' Awissu 2009 li testwalment ighid hekk –

" 1. Illi s-socjeta' Kurilsk Shipping Company Limited (numru ta' registrazzjoni C-12189) hija socjeta'

formalment imwaqqfa f'Malta fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru, 1990 ;

2. Illi fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju sena elfejn u tmienja (2008) l-imsemmija socjeta' giet *struck off* ossija kancellata mir-Registru tas-Socjetajiet Maltin (*vide* c-certifikati ta' *striking off* hawn annessi u mmarkati Dokument A u B) u dan wara li tlesta l-process ta' stralc (*liquidation*) kif solitu jsir skont il-Ligi. L-istralc kien jinkludi *inter alia* progett ta' tqassim (*scheme of distribution*) ta' l-assi rispettivi tas-socjeta' Kurilsk Shipping Company Limited li kien approvat mill-azzjonisti kollha taghha (*vide* Dokumenti C u D) ;

3. Illi s-socjetajiet rikorrenti Fiona Trust & Holding Corporation u Capco Nominees Limited huma l-unici azzjonisti ossija x-*shareholders* fl-imsemmija socjeta' Kurilsk Shipping Company Limited (*vide* Dok E u Dok F) u huma rapprezentati f'dawn il-proceduri mill-mandatarju specjali taghhom l-Avukat Dr. Paul Micallef Grimaud (*vide* Dok G) ;

4. Illi, kif jirrizulta mill-anness affidavit tad-Direttur tas-socjeta' rikorrenti Fiona Trust & Holding Corporation, ossija Vladimir Aleksandrovich Medniov (*vide* Dok. H) wara li l-imsemmija socjeta' Kurilsk Shipping Company Limited kienet diga' effettivament kancellata (*struck off*) mir-Registru tas-Socjetajiet, gie a konnissjoni ta' l-azzjonisti taghha (u cioe' tas-socjetajiet rikorrenti Fiona Trust & Holding Corporation u Capco Nominees Limited) il-fatt li, fi zmien meta s-socjeta' Kurilsk Shipping Company Limited kienet ghadha attiva tezercita l-kummerc, kien gie kommess minn terzi atti ta' qerq, mizapproprijazzjoni u hwejjeg ohra illeciti, b'dannu sostanzjali ghaliha. Tali atti kriminali gew kommessi mhux biss fil-konfront tas-socjeta' Kurilsk Shipping Company Limited izda wkoll kontra diversi socjetajiet ohra Maltin u anke barranin illi kollha jifformaw parti mill-istess *group of companies* ;

5. Illi, infatti, fit-tnax (12) ta' Frar, 2009 diversi mis-socjetajiet li jifformaw parti mill-imsemmi *group of*

*companies* u li sfaw vittmi ta' l-imsemmija atti illiciti, intavolaw proceduri gudizzjarji quddiem il-*High Court of Justice, Queen's Bench Division, Commercial Court, Royal Courts of Juctice*, Londra, kontra diversi konvenuti sabiex dik il-Qorti ssib dawk l-istess konvenuti risponsabbli ghad-danni u tikkundannahom ihallsu dawk id-danni hekk kif likwidati minnha (*vide* d-dokumenti annessi ma' l-imsemmi affidavit immarkati bhala "Tab 5" u "Tab 6"). F'dawn il-proceduri l-agir kriminali hawn fuq imsemmi huwa spjegat f'izjed dettall ;

6. Illi, naturalment, peress illi meta gew intavolati l-imsemmija proceduri gudizzjarji s-socjeta' Kurilsk Shipping Company Limited kienet diga' kancellata mir-Registru tas-Socjetajiet f'Malta, l-istess socjeta' Kurilsk Shipping Company Limited ma setatx tagixxi bhala attrici flimkien ma' l-atturi l-ohra f'dawk il-proceduri gudizzjarji institwiti Londra, (imsemmija hawn fuq) sabiex jigi rkuprat id-danni sofferti a kawza tal-qerq kommess. *Di piu*', *stante* li d-dritt litigjuz spettanti lil Kurilsk Shipping Company Limited ma kienx gie assenjat lill-azzjonisti ta' l-istess socjeta', dawn ta' l-ahhar ma setghux jagixxu fl-imsemmija proceduri Inglizi abbazi ta' tali dritt litigjuz ;

7. Illi d-dritt litigjuz spettanti lis-socjeta' Kurilsk Shipping Company Limited ma kienx gie assenjat lill-azzjonisti rikorrenti billi matul il-process ta' stralc tas-socjeta' *Makarov Shipping Company Limited* l-imsemmi dritt litigjuz ma kienx gie inkluz fil-progett ta' tqassim (skema ta' distribuzzjoni). Dan sehh billi matul l-istralc ma kienx ghadu maghruf lill-azzjonisti u lid-diretturi tas-socjeta' *Kurilsk Shipping Company Limited* li kienu gew kommessi l-atti illeciti hawn fuq deskritt. Wisq anqas kien maghruf lill-istralcjarju: b'konsegwenza, allura, li meta giet approvata l-iskema ta' tqassim, id-dritt litigjuz appartenenti lis-socjeta' Kurilsk Shipping Company Limited ma giex inkluz fid-distribuzzjoni ta' l-assi tas-socjeta' Kurilsk Shipping Company Limited lill-azzjonisti taghha (Dok C) ;

8. Illi l-artikolu 300A tal-Kapitolu 386 (Att Dwar il-Kumpanniji) tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li –

**Meta fil-kors ta' l-istralc ta' kumpannija l-istralcjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpannija, u l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna r-rettifika ta' l-iskema ta' distribuzzjoni, u l-Qorti tista', meta jidhrilha xieraq, tordna dik ir-rettifika taht dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa.**

9. Illi r-rikorrenti azzjonisti kollha tas-socjeta' Kurilsk Shipping Company Limited jaqblu li ghandha tigi rettifikata l-iskema ta' distribuzzjoni sabiex tali dritt litigjuz originarjament spettanti lis-socjeta' Makarov Shipping Company Limited, jigi assenjat lilhom sabiex huma jkunu jistghu jippartecipaw fil-proceduri gudizzjarji appoziti kontra dawk il-kumpanniji u l-individwi li kkommemettew frodi kontra l-interessi tas-socjeta' Makarov Shipping Company Limited elenkati fil-proceduri gudizzjarji quddiem il-*High Court of Justice*, Ingliza ;

10. Illi d-dritt litigjuz ghandu valur ta' disgha u tletin elf u mitejn u sebgha u tmenin Dollaru Amerikan u hamsin centezmu (US$ 39,287.50) kif indikat fl-affidavit anness ma' dan ir-rikors (Dok H) *oltre* l-imghax skont il-ligi ;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti *nomine* titlob bir-rispett li dina l-Qorti :

(i) Tawtorizza l-emenda, ossija r-rettifika (*rectification*) ta' l-iskema ta' distribuzzjoni li sar fl-istralc tas-socjeta' *Kurilsk Shipping Company Limited* fis-sens li l-assi, li ghandu l-valur kif hawn fuq deskritt, konsistenti mid-dritt litigjuz appartenenti lis-socjeta' Kurilsk Shipping Company Limited u li thalla barra mill-istess skema ta' distribuzzjoni jigi assenjat f'ishma ugwali lis-socjetajiet azzjonisti ta' l-istess socjeta' Kurilsk Shipping Company Limited u cioe' lis-socjeta' estera Fiona Trust & Holding Corporation u s-socjeta' Capco Nominees Limited, f'ishma ugwali ;

(ii) Tordna lill-istralcjarju tas-socjeta' Kurilsk Shipping Company Limited (l-intimat Keith Micallef) ihejji skema ta'

distribuzzjoni rettifikata skont id-domanda precedenti u jiehu dawk il-passi opportuni u necessarji f'dan ir-rigward ;

(iii) Tawtorizza lill-azzjonisti tas-socjeta' *Kurilsk Shipping Company Limited* jghaddu rezoluzzjoni gdida fejn tigi approvata skema ta' distribuzzjoni rattifikata skont id-domanda precedenti u jigi assenjat l-imsemmi dritt litigjuz lill-istess azzjonisti rikorrenti ;

(iv) Tordna lill-istess stralcjarju Keith Micallef jipprezenta lir-Registratur tas-Socjetajiet l-iskema ta' distribuzzjoni kif rettifikata flimkien mar-rezoluzzjoni msemmija fid-domanda precedenti ;

(v) Tordna lill-intimat Registratur tas-Socjetajiet jaccetta l-iskema ta' distribuzzjoni kif rettifikata flimkien mar-rezoluzzjoni msemmija fid-domandi precedenti u tawtorizza lill-istess Registratur tas-Socjetajiet jiehu kwalunkwe passi mehtiega skont il-Ligi. ”

**Rat** id-dokumenti li kienu esebiti mir-rikorrent in sostenn tat-talbiet tieghu (fol 4 sa fol 138).

**Rat** id-digriet taghha tad-19 ta' Awissu 2009 (fol 139), fejn wara li ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati, tathom zmien ghoxrin (20) jum biex jippresentaw risposta.

**Rat** li ghalkemm l-intimat Keith Micallef kien notifikat fis-27 ta' Awissu 2009 (*tergo* ta' fol 140) huwa ma ppresentax risposta.

**Rat** ir-risposta tar-Registratur tas-Socjetajiet li kienet guramentata u li kienet presentata fl-14 ta' Settembru 2009 li testwalment tghid hekk –

“ Illi in kwantu ghall-meriti fattwali tal-kawza, peress li l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kollha dikjarati mir-rikorrent, huwa jirrimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju tal-Qorti ;

Illi s-socjeta' Kurilsk Shipping Company Limited (C 12189), wara li giet registrata taht l-Ordinanza Dwar is-

Socjetajiet Kummercjali (Kap. 168 tal-Ligijiet ta' Malta), giet xolta ('*dissolved*') u kkancellata ('*struck off*') mir-Registru tas-Socjetajiet taht il-provedimenti tar-Regolamenti Dwar Bastimenti Merkantili (Organizazzjonijiet ta' Bastimenti – Kumpanniji Privati) (A.L. 223 ta' 2004). Illi la fl-Ordinanza u lanqas fl-istess Regolamenti m'hemm l-ebda provediment li jipprovdi ghall-ftuh u ghar-rattifika ta' l-iskema ta' distribuzzjoni wara li l-isem tas-socjeta' jkun gie mhassar minn fuq ir-Registru tas-Socjetajiet ;

Illi l-possibilita' li f'dan il-kaz jinghata r-rimedju taht l-Artikolu 300A ta' l-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta) hija a bazi ta' l-Artikolu 3 ta' l-istess Regolamenti illi jipprovdi illi wiehed ghandu jaghmel referenza ghad-disposizzjonijiet tal-Att Dwar il-Kumpanniji jekk ir-Regolamenti ma jipprovdux ghal tali sitwazzjoni ;

Illi b'dispjacir l-esponent Registratur tas-Socjetajiet qieghed jinnota illi r-rikors ghall-Artikolu 300A taht l-Att Dwar il-Kumpanniji qieghed isir ir-regola iktar milli l-eccezzjoni. L-istess Registratur ma jixtieqx li ssir il-prassi fejn l-azzjonisti jibdew il-process ta' stralc ta' socjeta' u l-istralcjarju jipprezenta d-dokumentazzjoni finali ghall-kancellament ta' socjeta' qabel ma dawn ikunu accertaw ruhhom sew illi l-pendenzi kollha, specjalment dawk li potenzjalment jistghu jippregudikaw il-posizzjoni jew l-interessi tal-kumpannija jew tal-azzjonisti taghha, gew verament finalizzati. Dan ghaliex ikunu taht l-impressjoni komda illi jistghu japplikaw ghal darba, darbtejn jew kemm ikun hemm bzonn sabiex jikkorregu zball li kien fi dmirhom li ma jaghmlux, qabel ma tintbaghat id-dokumentazzjoni ghax-xoljiment u konsegwentement ghat-thassir ta' l-isem tas-socjeta' minn fuq ir-Registru. Illi ghalhekk dan ir-rimedju m'ghandux jitqiex bhala wiehed li sservi ta' soluzzjoni facli li jfejjaq kwalunkwe manifestazzjoni ta' traskuragni jew negligenza kommessi matul il-process ta' stralc u kancellament ta' socjeta' kummercjali ;

Illi l-Artikolu 300A taht l-Att Dwar il-Kumpanniji jaghmilha cara illi d-dritt ghal tali rimedju m'huwiex wiehed awtomatiku billi jipprovdi illi '*l-Qorti tista' meta jidhrilha*

*xieraq tordna dik ir-rettifika taht dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq*'. Ghalhekk il-legislatur jissottolinea l-fatt illi dan ir-rimedju jista' ma jinghatax jekk, kemm-il darba, il-Qorti ma jidhrilhiex illi jirrizultaw dawk ic-cirkostanzi genwini li jridu jigu stabbiliti u provati b'mod sodisfacenti illi jimmeritaw illi tali rimedju jinghata ;

Illi f'dan il-kaz ir-Registratur m'huwiex qieghed jikkontesta l-possibilita' tal-ftuh u r-rettifika tal-progett tat-tqassim tal-kumpannija, jekk il-Qorti jidhrilha xieraq li ghandha taghti tali rimedju fic-cirkostanzi tal-kaz. Fl-istess hin l-intimat umilment jissottometti illi jekk din il-Qorti tiddeciedi li taghti dan ir-rimedju, dan ghandu jinghata biss b'kundizzjonijiet u parametri cari sabiex jittiehed in kunsiderazzjoni d-dritt litiguz li jista' jkollha s-socjeta' in kwistjoni u sabiex ikun jista' jigi nkluz fil-progett ta' tqassim tas-socjeta' xi assi jew pretensjoni ta' assi li tista' tiehu s-socjeta' Kurilsk Shipping Company Lmited (C 12189) bhala rizultat posittiv tal-kawza pendenti quddiem il-Qrati Inglizi. B'hekk, jekk il-Qorti jidhrilha xieraq, jista' jigi isanat zball li sar mill-istess socjeta' u ghall-ebda skop iehor. L-esponent jixtieq umilment jissottometti illi, jekk dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq, illi ghandu jinghata dan ir-rimedju ghandu wkoll jinghata terminu sabiex fih jigu konkluzi l-proceduri kollha relattivi u necessarji. Dan sabiex jigi evitat kwalunkwe possibilita' ta' abbuz jew pregudizzju li jista' jinholoq fil-konfront ta' terzi persuni.

Bl-ispejjez. ”

**Rat** in-nota tal-attur noe tal-24 ta' Settembru 2009 (fol 146 et seq) li maghha kienu esebiti kopji ta' tliet sentenzi moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fuq mertu simili ghal dak tal-kawza odjerna.

**Rat** li fl-udjenza tal-24 ta' Settembru 2009, id-difensuri tal-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti u talbu din il-Qorti taghti provvediment.

**Rat** id-digriet moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghal-lum ghall-provvediment.

**Ikkunsidrat –**

Sabiex isostni t-talbiet, ir-rikorrent noe ressaq principalment l-affidavit ta’ Vladimir Aleksandrovich Mednikov (DOK H – fol 27 et seq) u serje ta’ dokumenti akkompanjanti dak l-affidavit, flimkien ma’ dokumenti ohra - kollha indikati fi-rikors promotur.

Dwar l-affidavit ta’ Vladimir Aleksandrovich Mednikov, ir-Registratur tas-Socjetajiet (“Ir-Registratur”) ma talabx li jaghmel kontroesami lix-xhud.

Anzi kemm ghall-prova risultanti minn dak l-affidavit kif ukoll ghad-dokumenti l-ohra kollha esebiti mir-rikorrent noe, ir-Registratur irrimetta ruhu u halla fil-gudizzju ta’ din il-Qorti kull konsiderazzjoni dwar jekk fuq l-iskorta tal-provi li ressaq ir-rikorrent noe kellhiex din il-Qorti tilqa’ it-talbiet inkella le.

**Ikkunsidrat –**

Fir-realta’, kif impostata, ir-risposta tar-Registratur fis-sustanza hija nota ta’ sottomissjonijiet li fiha jishaq fuq il-konsiderazzjoni li l-procedura skont l-Art. 300A tal-Kap. 386 hija ta’ natura eccezzjonali u hekk ghandha tibqa’ titqies.

Skont ir-Registratur, din il-Qorti m’ghandhiex tippermetti din il-l-procedura jekk mhux ghal ragunijiet tassew eccezzjonali jew meritevoli. M’ghandhiex tippermettieha semplicement sabiex jinstab rimedju ghal zbalji jew nuqqasijiet ohra fil-konduzzjoni tal-procedura ta’ stralc tal-kumpannija.

Fi kwalunkwe kaz, jinsisti r-Registratur, jekk il-Qorti tasal biex tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti, hija ghandha tapplika kondizzjonijiet stretti anke bl-imposizzjoni ta’ termini perentorju ghall-eventwali rettifika tal-iskema ta’ distribuzzjoni u ghall-presentata taghha lir-Registratur.

Kif ukoll li l-ispejjes ta’ din il-procedura ghandhom jibqghu a kariku tar-rikorrent.

**Ikkunsidrat –**

Fil-kaz taht ezami, dawn kienu r-risultanzi :-

1. Il-kumpannija Kurilsk Shipping Company Limited (“Kurilsk”) kienet kumpannija registrata Malta bin-Nru.C-12189 fl-20 ta’ Dicembru 1990 (DOK E1 - fol 13)

2. Meta saret ir-registrazzjoni, kien ghadu vigenti l-Kap. 168 tal-Ligijiet ta’ Malta mhux il-Kap. 386 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Is-socji u cioe’ il-mandanti tar-rikorrent noe iddecidew li jmorru ghax-xoljiment u stralc ta’ Kurilsk. L-intimat Keith Micallef inhatar bhala stralcjarju. Dan ha konjizzjoni tad-dokumenti tal-kumpannija presentati lilu, esamina l-kotba tal-kumpannija, u hejja progett ta’ tqassim ghall-approvazzjoni tal-azzjonisti. Dan il-progett gie approvat mill-azzjonisti.

4. Kurilsk giet imhassra mir-Registru tas-Socjetajiet fit-28 ta’ Lulju 2008 wara talba li saret ghal dan il-ghan mill-istralcjarju.

5. Abbazi tal-*winding up accounts* ta’ Kurilsk (DOK C – fol 7 et seq) ma saret l-ebda assenjazzjoni ta’ drittijiet litigjuzi.

6. L-affidavit ta’ Vladimir Aleksandrovich Mednikov [“Mednikov”] (Dok H – fol 27 et seq) huwa vitali ghall-istanza odjerna.

7. Mednikov huwa direttur ta’ Fiona Trust & Holding Corporation (“FTHC”), li hija mandanti tar-rikorrent u azzjonista ta’ Kurilsk. Huwa kkonferma li l-progett ta’ tqassim, ghalkemm approvat mill-azzjonisti, ma kienx jinkludi l-assenjazzjoni ta’ dritt litigjuz. Ma saret l-ebda riferenza ghal dak id-dritt litigjuz *because at that stage the facts that gave rise to the litigious rights had not yet surfaced.*

8. Mednikov ighid li FTHC u kumpanniji ohra jaghmlu parti mis-Sovcomflot Group u dawn kienu vittmi ta' frodi kommessa fil-konfront taghhom minn diversi persuni li huwa ndika bil-preciz min kienu. Il-frodi twettaq bejn is-sena 2001 u s-sena 2005. Hekk kif kienu skoperti dawk l-atti lleciti ttiehdu proceduri gudizzjarji fil-*High Court* tal-Ingilterra fid-29 ta' Gunju 2005 minn FTHC u l-kumpanniji l-ohra. Fl-ewwel procedura, *the claimants settled their claim against … on terms that include the provision of a full and frank account of the transactions in which they were involved.* (fol 30)

9. In segwitu kellhom jittiehdu proceduri ohra dwar frodi ohra skoperti wara u li huma ndikati fil-para 14 tal-affidavit (fol 30). Fil-fatt ittiehdu proceduri godda fit-12 ta' Frar 2009 fil-*High Court* tal-Ingilterra. Il-frodi kienet tirrigwarda *anke* bastiment propjeta' tal-kumpannija Kurilsk. Peress li Kurilsk kienet kancellata qabel ma setghu jidhlu fil-kawza istitwita fit-12 ta' Frar 2009, kellha ssir il-procedura odjerna.

10. Fil-paragrafi 19, 20 u 21 tal-istess affidavit, hemm spjegat ghala l-azzjonisiti ma setghux ikunu jafu bid-dettalji tal-kwistjoni kollha qabel sar l-istralc u t-thassir.

11. Ghalhekk il-mandanti tal-attur noe bhala l-unici azzjonisti ta' Kurilsk qed jitolbu li din tigi ravvivata unikament ghall-fini tal-assenjazzjoni tad-dritt litigjuz sabiex l-azzjonisti jkunu jistghu jinghaqdu fil-proceduri quddiem il-*High Court* tal-Ingilterra li kienu istitwiti fit-12 ta' Frar 2009.

**Ikkunsidrat -**

Mhux kontestat li ghalkemm Kurilsk kienet registrata skont il-Kap. 168 tal-Ligijiet ta' Malta, hija giet xjolta u kancellata mir-Registru tal-Kumpanniji skont l-Avviz Legali 223 tal-2004. La l-Kap. 168 u lanqas l-Avviz Legali 224 tal-2004 ma jipprovdu ghall-ftuh u rattifika tal-iskema ta' distribuzzjoni wara li l-isem tas-socjeta' jkun gie mhassar minn fuq ir-Registru.

Dan premess ma jfissirx li l-Qrati ma jistghux jipprovdu rimedju fil-kazi fejn jidhrilhom li jkun gust li jinghata rimedju. Fil-fatt hekk kien sar minn din il-Qorti diversament presjeduta (PA/TM) fil-kawza **<u>"Abela noe et vs Cachia et"</u>** deciza fl-20 ta' Marzu 2003 fejn kumpannija li kienet mhassra regghet tqeghdet fuq ir-Registru.

U fis-sentenza **<u>"Firman noe vs Micallef noe et"</u>** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008, din il-Qorti diversament presjeduta (PA/GC) qalet hekk -

*Dwar il-kwestjoni jekk l-artikolu 300A tal-Kap. 386 huwiex applikabbli ghal dawn il-proceduri jidher li r-regolamenti tal-Avviz Legali 223 dwar Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) jipprovdi li l-imsemmi Kapitolu 386 hu applikabbli ghal socjetajiet bhal dik in kwestjoni, stante li l-istess regolamenti ma jipprovdux dwar sitwazzjonijiet bhal dik in kwestjoni. Fi kwalunkwe kaz, jekk verament l-artikolu rilevanti tal-Kapitolu 386 mhux applikabbli, jigi li l-ligi ma tipprovdix ghal ebda rimedju f'cirkostanzi bhal dawk in kwestjoni u u ghalhekk sta ghall-qorti li taghti rimedju in via stradordinarja u jekk il-Qorti jidhrilha li hu ragonevoli li jinghata tali rimedju u li hu gust u opportun li jsir hekk.*

Din il-Qorti taqbel mal-hsieb tar-Registratur meta jsostni li r-ravvivar ta' kumpannija m'ghandhiex tigi <u>facilment</u> accettata.

U dan ghar-ragunijiet moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta (PA/TM) fil-kawza **<u>"Cassar Pullicino noe vs Ir-Registratur tas-Socjetajiet et"</u>** deciza fl-24 ta' Jannar 2006 -

*"irid jigi assikurat li l-kaz ikun wiehed genwin sabiex ma jkunx hemm lok ghal abbuz jew ghal kolluzjoni bejn il-partijiet interessati. Azzjonisti ghandhom kemm ghandhom ishma ta' socjeta' m'ghandhomx jipprocedu ghal-likwidazzjoni u thassir ta' kumpannija b'leggerezza forsi anke bl-idea li jekk 'il quddiem tinqala' l-htiega l-kumpannija tigi ravvivata. F'kaz ta' agir manifestament*

*traskurat jew f'kaz ta' nuqqas ta' serjeta' da parti tal-azzjonisti l-Qorti m'ghandhiex tkun hemm biex taghti rimedju ghan-nuqqasijiet ta' min kellu jagixxi mod iehor – salv dejjem f'kazijiet ta' pregudizzju ghal terzi. Sakemm ma hemmx pregudizzju ghal terzi, darba kumpannija tigi mhassra minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji iridu jirrizultaw cirkostanzi genwini u eccezzjonali u mhux rizultat ta' semplici negligenza da parti tal-azzjonisti qabel ma' kumpannija tigi ravvivata. Il-Qorti taqbel li r-rimedju m'ghandux jitqies bhala wiehed li jfejjaq kwalunkwe manifestazzjoni ta' traskuragni jew negligenza kommessi matul l-istralc ta' socjetajiet kummercjali."*

**Ikkunsidrat -**

Applikati dawn il-punti ta' dritt ghall-fattispece tal-kaz, din il-Qorti tghid li f'dan il-kaz hemm element <u>oggettiv u qawwi</u> ta' *bona fide* fejn ghandu jinghata rimedju tajjeb unikament sabiex ma jmurx fix-xejn dritt ta' azzjoni li diga' tressaq quddiem il-*High Court* fl-Ingilterra.

Ghalkemm kien deciz mill-azzjonisti li Kurilsk tigi xjolta, ic-cirkostanzi u d-dati msemmija fl-affidavit ta' Mednikov jesigu li dik il-kumpannija terga' titqieghed fi stat ta' stralc u Keith Micallef jigi konfermat bhala stralcjarju. Veru li l-atti kriminali li allegatament gew imwettqa kontra l-kumpannija saru meta din kienet ghadha attiva u tezercita l-kummmerc u cioe' meta kienet ghadha fuq ir-Registru tal-Kumpanniji. Pero' tenut kont tac-cirkostanzi kif imfissra fl-affidavit, ma jirrizultax li kien kaz fejn jista' jinghad li d-diretturi u l-azzjonisti ta' Kurilsk kellhom ikunu aktar attenti sabiex jipprotegu l-interessi taghhom u tal-kumpannija qabel ftehmu li jxolju u jistralcjaw il-kumpannija. Diversi ohra kienu l-kumpanniji li jaghmlu parti mill-istess grupp ta' kumpanniji li ghalih tappartjeni Kurilsk li minhabba l-atti lleciti kommessi wkoll kontra taghhom bdew proceduri barra fl-Ingilterra. Ma rrizultax li l-atti kriminali li specifikament wasslu ghall-procedura istitwita fit-12 ta' Frar 2009 kienu a konoxxenza tal-azzjonisti, diretturi jew l-istralcjarju hlief wara li s-socjeta' *de qua* giet kancellata. Ghalhekk ma hemm l-ebda kwistjoni ta' traskuragni jew abbuz. L-azzjonisti kienu l-

vittma ta' reati serji, mahduma bizzilla, kif jirrizulta mill-affidavit, u ghalhekk il-Qorti ma tistax tkun indotta tippremja lil dawk li kkommettew ir-reati billi ma thallix li jkun hemm bdil fl-iskema ta' distribuzzjoni u b'hekk taghlaq kull possibilita' ghall-azzjonisti li bid-dritt litigjuz konservat u f'idejhom jippruvaw jirkupraw it-telf imgarrab.

Ghalhekk tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz il-Qorti hi konvinta li l-istralcjarju, l-azzjonisti u l-ufficjali tal-kumpannija saru jafu bl-atti illeciti wara li kienet approvata l-iskema ta' distribuzzjoni, wara li kien konkluz l-istralc u wara li Kurilsk kienet kancellata mir-Registru.

Din il-Qorti hija favur li jsir uzu strett u assidwu tal-procedura skont l-Art. 300A tal-Kap. 386 u fil-provvediment li se taghti aktar 'il quddiem hija assikurata mill-fatt li ebda kreditur m'hu se jinkorri xi pregudizzju jekk din il-Qorti tordna r-rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni stabbilita mill-istralcjarju. Ghalhekk it-thassib tar-Registratur dwar it-tutela tal-interess ta' terzi huwa kopert. Riaffermata anke minn din il-Qorti l-eccezzjonalita' tal-procedura skont l-Art. 300A tal-Kap. 386, hija taqbel li jigi prefiss terminu perentorju ghar-rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni u ghall-presentata taghha lir-Registratur, kif *del resto* insista r-Registratur, anke sabiex min-naha wahda l-intenzjoni dikjarata tal-azzjonisti tkun attwata tassew u fil-pront, u min-naha l-ohra sabiex il-process ta' stralc jiftah u jaghlaq fi zmien ragonevolment qasir, u mhux jibqa' jkarkar minghajr kontroll.  B'hekk, esawrit it-terminu, ir-Registratur jkun jista' jipprocedi ghat-thassir definittiv tas-socjeta' Kurilsk.

Ghax il-Qorti tqis specjali l-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz dawn jesigu rimedju xieraq, gust, ragonevoli u effettiv ghalkemm straordinarju kif diga' nghad skont l-Art. 300A tal-Kap. 386.

**Ghal dawn il-mottivi tiddecidi hekk –**

**1) Tilqa' it-talbiet kollha tar-rikorrent nomine.**

**2) Tordna li l-procedura kollha indikata fit-talbiet tar-rikorrent nomine titwettaq sa zmien perentorju ta' tliet xhur mil-lum.**

**3) Tordna li, kif ighaddi dan it-terminu u fi kwalunkwe kaz, is-socjeta' Kurilsk Shipping Company Limited ghandha titqies bhala kancellata mir-Registru tas-Socjetajiet ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**4) Tordna li *in vista* tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjes kollha jithallsu mir-rikorrent nomine.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------